MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 864/2004

**Alliance Malta Limited**

**vs**

**Raymond Buhagiar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta’ April, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti import ta’ *cheque* tal-*Bank of Valletta*, fergha tas-Siggiewi bin-numru 74 mahrug u ffirmat mill-konvenut stess nhar l-20 ta’ Lulju, 2001, liema *cheque* gie ritornat lis-socjeta` attrici bhala *refer to drawer*.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Gunju, 2003, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Gunju, 2003, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------